**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru: 184/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Ulas Sevil**

Illum it-28 ta' Novembru 2023

Il Qorti:

Rat li tressaq lill Ulas Sevil iben Arif u Esin nee' Zafer, mwieled it-Turkija nhar it-18 ta ' Awissu 1981 u residenti gewwa 107A, Zekka Flats, Old Mint Street, Valletta u detentur tal-karta tal-identita'127731A.

Billi inti akkuzat talli nhar 1-01 ta' Ottubru 2015 gewwa Triq ir-Repubblika, Belt Valletta u fdawn il-Gzejjer Maltin:

1) Talli ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta ' Denis Agius skond certifikat mahrug minn Dr. Marcel Schembri M.D (Reg. Med. 1460) mill-lsptar Mater Dei;

2) Ksirt il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur talArtikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta Denis Agius bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta et sequitur.

Rat li l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji skont l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali.[1]

Rat li l-ewwel udjenza f'dan il-kaz kien nhar it-13 ta' April 2016[2] izda in vista tal-fatt li l-imputat ma setax jigi rrintract u kien hemm bzonn il-hrug ta' European Arrest Warrant is-smiegh tal-kawza propju beda nhar il-10 ta' Ottubru 2023.[3]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif kienet diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-partijiet.

Rat illi l-prosekuzzjoni u d-difiza ghalqu il-provi taghhom nhar l-10 ta' Ottubru 2023.

[1] Folio 22 ta' l-atti processwali
[2] Folio 12 ta' l-atti processwali
[3] Folio 86 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza ta' l-10 ta' Ottubru 2023.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna kaz ta' allegazzjoni ta' ferita gravi kif ukoll ksur ta' bon ordni mill-imputat fuq certu Denis Agius li kienet inqalghet gewwa Triq ir-Repubblika l-Belt.

**Ikkunsidrat**

**Provi u Xhieda**

L-unika xhud li l-prosekuzzjoni ressqet huwa l-allegat vittma Denis Agius fl-udjenza ta' l-10 ta' Ottubru 2023[4] fejn stqarr li dan l-incident sehh tmien snin ilu u illum nieqes hafna mid-dawl u li ma rrid xejn minn l-imputat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz inkluz il-fedina penali ta' l-imputat, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd tal-parir ta' avukat, l-istqarrija ta' l-imputat li saret nhar it-2 ta' Ottubru 2015 u cioe qabel l-ammendi li jaghtu d-dritt ta' avukat li jkun prezenti, ir-rapport ta' l-incident, u c-certifikat mediku.

**Ikkunsidrat**

[4] Folio 88-90 ta' l-atti processwali

Wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni ma rnexxilihiex tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-imputat u ghalhekk sejra tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 215, 216, 218, 338(dd) u 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputat Ulas Sevil **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

**Moghtija illum nhar it-28 ta' Novembru 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**